MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Numru 590/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Norbert Ciappara**
**vs**
**Rodney Vella**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Rodney Vella ta' 25 sena iben Nazzareno u Antoinette nee' Scicluna mwieled Piet fit-8 ta' Awissu 1979 u residenti Block 3 Ent E Triq is-Salvatur Kalkara, ID 370079M.**

**(1) Akkuzat talli fis-17 ta' Lulju 2004 f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet**

**tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**(2) Akkuzat ukoll talli fl-stess data, hin, zmien u cirkostanzi ghamel rezistenza b'vjolenza jew b'hekk ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra il-persuni ta' PC 1553 u PC 18, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita kompetenti bi ksur ta' Artikolu 96 u 97 (a) tal-Kodici Kriminali.**
**(3) U talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi, saq vettura IAU 943 tal-marka Peugeot bi speed eccessiv, majiera perikoluza, negligenti u traskurata u bla kont u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a) (2) 18(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**(4) U talli fl-istes data, hin u cirkostanzi saq vettura b'giri iktar milli jmissi bi ksur ta' MVR 127.**
**(5) Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex wara li tinstab htija, Rodney Vella ikun skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan**
**(6) U wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, pulizija fil-qadi ta' dmirijiet u u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat. Rat illi saru xi emendi fl-imputazzjoni (2), (3), (4) u (5) u ghal hekk rega sar l-ezami mill-gdid.**

**Minhabba li saru xi tibdil fl-imputazzjonijiet (3), (4) u (5), dawn gew preskritti ghaliex issa ghaddew iktar minn sentejn minn meta sehhew l-allegati reati.**

**Ghal hekk il-Qorti wara li rat l-ammissjoni ta’ l-imputat, qed issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni u s-sitt imputazzjoni dedotti kontra l-imputat.**

**Il-Qorti wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 kif wkoll l-Artikolu 17(h), 338(ee), 96 u 97 tal-Kap 9, ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, tat-tieni u tas-sitt imputazzjoni, bis-sitt imputazzjoni assorbita fit-tieni wahda. Qed tiddikjara illi l-imputazzjonijiet tlieta, erbgha u hamsa huma preskritti skond il-ligi.**

**Il-Qorti qieset illi l-imputat mar jiskuza ruhu mill-ewwel mal-pulizija u meta deher quddiemha llum mill-ewwel ghamel ammissjoni bikrija.**

**Ghaldaqstant il-Qorti flok qed tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ieho fi zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------